MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Numru. 360/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**

**vs**

**Mamadou Sidibe Sedu**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mamadou Sidibe Sedu ta’ 25 sena, iben Sidibe Sedu u Sidibe Guike, imwieled Mali fl-1 ta’ Jannar 1985 u residenti Marsa Open Centre u detentur tan-numru tal-Pulizija 08PPP-007 gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-11 ta’ April 2010 u fil-gimghat ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer:

1. Xjentament ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat, u cioe' Karta ta' l-Identita' Taljana u passaport Taljan ghall-Istrangieri, ai termini ta' l-Art 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kien fil-pussess ta' passaport li huwa kien jaf li huwa iffalsifikat u/jew li sar tibdil fuqu, ai termini ta' Art 5 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Minghajr awtorita kompetenti uza jew kien fil-pussess ta' dokument iffalsifikat mehtieg ghal ghanijiet ta' l-Att dwar l-immigrazzjoni, ai termini ta' l-Art 32(1) (f) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-13 ta' April 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, l-fatt li ammetta fi stadju bikri tal-proceduri izda ikkunsidrat ukoll l-gravita' tar-reati li bihom l-imputat qed jinstab hati u jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun wahda aktar idoneja fic-cirkostanzi.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32(1) (f) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmien(8) xhur prigunerija.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------